# Aħbarijiet mill-Iskola



- Fl-14 ta' Marzu fakkarna għeluq il-ħamsin sena mill-mewt tas-Sur Filippo Zammit, li kien l-ewwel surmast tal-iskola tagħna. Huwa dam 26 sena kap tal-Iskola Primarja tal –Qrendi. Nirringrazzjaw lit-tifla tiegħu s-Sinjura Maria Assunta li tat donazzjoni lill-iskola.
- Beda x-xogħol fuq is-sala tal-iskola. S'issa nbnew iċ-ċnut li jagħlqu l-bibieb sabiex issa jkunu jistgħu jitwaħħlu t-twieqi. Nirringrazzjaw lill-ħaddiema kollha li qegħdin jaħdmu mal-Precincts Officer, is-Sur Victor Fenech.
- Fis-27 ta' Marzu stedinna lill-ġenituri sabiex jipparteċipaw flimkien ma' uliedhom fit-Technology Day, fejn l-istudenti ħadmu fuq proġetti differenti. Nirringrazzjaw lil Ms. D. Polidano (Għalliema tax-Xjenza). Fl-istess jum, ġew eżibiti l-proġetti li nħaddmu mal-Perit Ms. Attard bit-titlu ta' *'Children for the Built Environment'.*
- Il-Kunsill Skolastiku se jorganizza attivitajiet differenti matul ix-xahar t'April. L-istudenti se jkollhom *Healthy Breakfast* nhar it-Tnejn 14 t'April, fil-waqt li fit-23 t'April se tkun organizzata ħarġa edukattiva għall-ġenituri fejn se nżuru l-Forti Rinella.
- Attivita' importanti se tkun dik tal-Ġimgħa 27 t'April fejn se ntellgħu Festa Qari. Matul din l-attivita' l-istudent u l-ġenituri se jkunu jistgħu jisimgħu siltiet ta' qari u jiltaqgħu mal-awtriċi Ms. Rita A. Borg.

# Il-Jum Dinji tal-Ilma

Fit-22 ta Marzu 2012, il-poplu tad-dinja kollha ċċelebra "World Water day" fejn tfakkret l-importanza tal-ilma. Il- viċi-segretarja tal-kumitat tal-Ekoskola li hija Sylvia Galea attendiet avveniment tant importanti f'tas-Sliema fejn ħafna studenti minn skejjel differenti ltaqgħu u ċċelebraw flimkien l-importanza tal-ilma. L-istudenti kantaw kanzunetti dwar l-ilma u preparaw kartelluni b' xi messaġġ mill-isbaħ dwar l-ilma. L-istudenti ltaqgħu mal-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent George Pullicino u spjegalhom kif huma jistgħu jgħinu fi-konservazzjoni tal-ilma billi jagħlqu l-vit meta jaħslu snienhom u ma jaħlux ilma.



L-istudenti ġarrew "jerry-can" mimli bl-ilma għal xi minuti biex b'jekk jipprovaw jifhmu t-tbatija li ħafna tfal ibatu fil-pajjiżi l-foqra fejn ikollhom jimxu għal distanzi twal biex ikollhom aċċess għall-ilma nadif.

Huwa tajjeb li wieħed ikun jaf li fl-Afrika imut tifel jew tifla kull għoxrin sekonda minħabba nuqqas tal-ilma nadif, jiġifieri wieħed għandu japprezza l-fatt li meta aħna jaqbadna l-għatx, fi ftit sekondi naqdu l-bżonn tagħna. Fi ftit kliem, meta aħna jkollna bżonn l-ilma nsibuh. U għalhekk għandna nibżgħu għalih u mhux inħammġuh bħalma xi nies jagħmlu meta jarmu xi affarijiet fil-baħar. Apparti li nkunu qegħdin inħammġu l-baħar, inkun qegħdin noqtlu l-ħut wkoll.

Kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu billi ma jaħlix ilma u fejn nistgħu nerġgħu nużaw l-ilma pereżempju; l-ilma tax-xita jista jerġa` jintuża billi nsaqqu l-għelieqi taghna.

L-ilma huwa wieħed mill-aktar riżors importanti fil-ħajja tagħna li mingħajru ma ngħixux!